StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA PRIMARJA 2009**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IR-RABA' SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa**

## A. Daħħal il-kelma t-tajba mil-lista t'isfel

L-ewwel waħda hija eżempju.

Kienet riesqa x-xitwa meta **Pawlu** telaq bil-ġifen mill-Palestina għal ________________. Hu kien sejjer Ruma biex jidher fil-_________________ t'hemm minħabba li arrestawh talli kien _________________ ta' Ġesù. Qabel waslu Ruma qamet ______________ kbira. Għal ħafna ġranet la dehret ix-xemx u lanqas il-qamar u l-_____________. Fuq il-ġifen kien hemm ħafna nies li bdew _______________ li se jegħrqu. Imma Pawlu qalilhom, "Ħbieb, tibżgħux : ħadd mhu se _______________. Bil-lejl deherli anġlu u qalli li ħadd mhu se ___________________. Qalli wkoll li l-________________ se jkollu jaħbat ma' __________________ .

gżira, jibżgħu, kwiekeb, jegħreq, appostlu, qorti, Ruma, tempesta, jintilef, ġifen, ~~Pawlu~~

**(10 marki)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**B. Qabbel ma' xulxin billi tpoġġi n-numri minn 2 sa 11 fil-post**

**it-tajjeb fil-kolonna tan-nofs.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**



| | | |
|---|---|---|
| 1. Żakkew | | nitolbu maħfra lil Alla. |
| 2. Il-familja | | kien jagħmel ix-xogħol ta' mastrudaxxa. |
| 3. San Pietru | | imexxi l-familja ta' Alla f'pajjiżna. |
| 4. F'Għid il-Ħamsin | | in-nagħaġ jibdew sejrin 'l hawn u 'l hinn. |
| 5. San Stiefnu | | hija l-post fejn inħossuna magħqudin. |
| 6. L-Isqof | | kien l-ewwel Papa. |
| 7. Mingħajr ir-ragħaj | | ġie mħaġġar. |
| 8. San Ġużepp | | meta miet għalina fuq is-salib. |
| 9. Ġesù wera li jħobbna | | twieldet il-Knisja. |
| 10. Fil-Qrar | | hemm ħafna Maltin. |
| 11. Fost il-missjunarji | **1** | talab lil Ġesù jaħfirlu. |

**(10 marki)**

| | **Ċ. Immarka billi tagħmel ✓ jekk hux VERU jew FALZ. L-ewwel waħda hija eżempju.** | VERU | FALZ |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-Knisja hija l-familja t'Alla fuq l-art. | ✓ | |
| 2. | L-ewwel parroċċa f'Malta kienet fl-inħawi tal-Imdina u tar-Rabat. | | |
| 3. | Il-katakombi kienu bħal ċimiterji mħaffrin taħt l-art. | | |
| 4. | L-Appostli kienu tnejn. | | |
| 5. | Ġesù tana 'l-isqof biex jieħu ħsiebna u jgħallimna. | | |
| 6. | F'Għid il-Ħamsin niżel l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli. | | |
| 7. | Pawlu dam Malta madwar ħames xhur. | | |
| 8. | San Stiefnu kien l-ewwel martri. | | |
| 9. | L-Appostli baqgħu biss fil-Palestina. | | |
| 10. | Ġesù twieled f'Nażaret. | | |
| 11. | Fil-ġenna nkunu lkoll ferħanin u familja waħda. | | |

**(10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## D. Wieġeb fil-qosor

Il-Ħadd huwa l-jum tagħna bħala l-familja t'Alla. Nhar ta' Ħadd il-ferħ kbir tagħna nuruh l-aktar billi nieħdu sehem fil-quddiesa. Matul il-ġimgħa ħafna mill-kbar ma jkunux jistgħu jmorru l-quddiesa. Imma nhar ta' Ħadd niltaqgħu lkoll flimkien biex nisimgħu l-kelma t'Alla, nitolbu, inkantaw u nagħmlu festa ma' Ġesù. Meta nġibu ruħna tajjeb fil-quddiesa nħossuna magħqudin mhux biss ma' Ġesù, imma wkoll mal-ħbieb kollha tiegħu u tagħna.
Meta l-Ħadd immorru għall-quddiesa nkunu qegħdin nobdu t-tielet kmandament li jgħidilna: 'Ħares il-Ħdud u l-festi kkmandati'.

1. Semmi l-jum li fih ilkoll niltaqgħu bħala l-familja t'Alla.

______________________________________________

(2 marki)

2. Kif għandna nuruh il-ferħ li nħossu fina nhar ta' Ħadd?

______________________________________________

(2 marki)

3. X'nagħmlu nhar ta' Ħadd barra li niltaqgħu lkoll flimkien?

a. ______________________________________________

b. ______________________________________________

ċ. ______________________________________________

d. ______________________________________________

(8 marki)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. Meta nġibu ruħna tajjeb fil-quddiesa, ma' min inħossuna magħqudin?

a. ____________________________________________

b. ____________________________________________

(4 marki)

5. Semmi l-kmandament li nkunu qegħdin nobdu meta mmorru l-quddiesa tal-Ħadd.

____________________________________________

(2 marki)

6. Inti tħobb tmur il-quddies? Għaliex?

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

(4 marki)

**(Total: 22 marka)**

## E. Żid kelma fil-vojt. Agħżel mill-kelmiet li hemm isfel.

Mulej, agħmilni strument tal-paċi tiegħek,

Fejn hemm il-mibegħda, ħallini nħeġġeġ l-________________

Fejn hemm il-ħtija, ħallini nferrex il-_________________

Fejn hemm id-dubju, ħallini ndaħħal il-________________

Fejn hemm il-qtiegħ il-qalb, ħallini nqawwi t-_______________

Fejn hemm id-dlam, ħallini nkebbes id-________________

Fejn hemm in-niket, ħallini nkebbes il-_________________

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **tama** | **imħabba** | **fidi** | **maħfra** | **dawl** | **ferħ** |

**(6 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**F. Wieġeb fil-qosor fi kliemek.**

1. F'liema Ktieb tal-Bibbja nsibu l-ġrajja ta' meta San Pawl ġie Malta?

2. Lil min ħalla warajh San Pawl bħala Isqof ta' Malta?

3. Aħna meta dħalna fil-Knisja ta' Ġesù?

4. L-Ispirtu s-Santu kemm se jdum jieħu ħsieb il-Knisja?

5. Liema kmandament inkunu qegħdin nobdu meta nġibu ruħna tajjeb fil-familja tagħna?

6. Liema hu l-akbar kmandament tagħna l-Insara?

7. X'jismu l-Isqof ta' Malta?

8. Min hu l-Isqof ta' Għawdex?

9. Liema hi l-knisja tal-Isqof ta' Malta?

**(18-il marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Ġ. Iddeskrivi x-xogħol ta' dawn in-nies:**

Il-Papa a. ________________________________________

b. ________________________________________

L-Appostli a. ________________________________________

b. ________________________________________

**(4 marki)**

**G. Ikteb fil-qosor dwar *il-festa tar-raħal tiegħek* billi twieġeb għal dawn il-mistoqsijiet:**

- X'ikun fiha l-quddiesa li ssir apposta għat-tfal?
- Għaliex it-tfal jieħdu gost bil-festa?
- Kif juru l-ferħ tagħhom it-tfal u l-kbar fil-festa?
- Ikteb dwar il-purċissjoni li ssir nhar il-festa.

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

(8 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Ikteb **TLIET** drawwiet tajbin u **TLIET** drawwiet ħżiena fil-festi tagħna.

Tliet drawwiet **tajbin**:

1) ______________________________________________

______________________________________________

2) ______________________________________________

______________________________________________

3) ______________________________________________

______________________________________________

Tliet drawwiet **ħżiena**:

1) ______________________________________________

______________________________________________

2) ______________________________________________

______________________________________________

3) ______________________________________________

______________________________________________

(12–il marka)

**(Total: 20 marka)**

# TMIEM IL-KARTA

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers